# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2019**

**Talba Numru 488/2017SFJ**

***Jennifer Zahra (484076M)***

***vs.***

***Ian Bonello (69375M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2017 li jgħid:

> "*L-attriċi qed titlob li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lill-intimat iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) rappreżentanti sehem il-konvenut ta' spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għal binhom minuri Kurt Bonello skont sentenza Rikors Ġuramentat 228/07/NC deċiża fil-31 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet Jennifer Zahra vs. Ian Bonello.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat illum stess u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2018 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Kull talba għall-ħlas għaż-żmien qabel Mejju 2013 hija preskritta skont l-Art. 2156(b) u l-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

- Il-konvenut dejjem ħallas sehmu mill-ispejjeż kollha konċernanti l-minuri, inklużi spejjeż relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri;

- L-attriċi kellha tressaq provi rigward l-ammont mitlub minnha;

- Jekk fost l-ispejjeż reklamati hemm spejjeż li l-konvenut qatt ma ġie infurmat bihom u ma tax l-awtorizzazzjoni tiegħu għalihom, tali ammonti ma kinux dovuti minnu lill-attrici;

- Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Settembru 2019.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Għalkemm l-Avviż tat-Talba jindika li l-kawża hija għas-sehem tal-konvenut rigward "*spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għal binhom minuri Kurt Bonello skont sentenza Rikors Ġuramentat 228/07/NC deċiża fil-31 ta' Jannar 2017*", is-sentenza relattiva (fol. 13) tindika li l-konvenut huwa obbligat iħallas "*manteniment għal ibnu minuri Kurt għandu jkun ta' €180 fix-xahar li **jinkludi wkoll l-ispejjeż ta' mediċi ordinarji**.*" L-istess sentenza tirreferi għal spejjeż straordinarji mediċi u spejjeż tal-edukazzjoni u tgħid li dawn għandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Għalhekk, l-attriċi hija żbaljata u fil-fatt, din hija kawża **<u>għall-ħlas ta' spejjeż straordinarji relattivament għas-saħħa tal-minuri Kurt Bonello u spejjeż edukattivi rigward l-istess minuri, li huwa iben il-kontendenti</u>**.

It-Tribunal josserva li huwa evidenti l-*lapsus calami* misjub fl-Avviż tat-Talba fejn l-attriċi erronjament qalet li s-sentenza tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) ġiet deċiża fil-31 ta' Jannar 2017 meta fil-fatt, din ġiet deċiża fil-31 ta' Jannar 2014.

Fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2018 ġew ippreżentati d-dokumenti JZ1, JZ2, JZ3, JZ4 u JZ5. Matul l-istess udjenza, xehdet l-attriċi. Taħt ġurament, hija qalet li wara s-sentenza tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) tal-31 ta' Jannar 2014, għalkemm il-konvenut kien iħallas il-pagamenti mensili ta' mija u tmenin Ewro (€180) fix-xahar, kien jgħaddilha l-istess pagamenti "*bit-torturi*". Rigward spejjeż mediċi straordinarji u spejjeż edukattivi, l-attriċi xehdet li l-konvenut qatt ma ħallas xejn minn dawn u wara xi żmien, hija ma baqgħetx tagħtih ir-riċevuti. L-attriċi mbagħad irreferiet għad-dokumenti JZ2, JZ3, JZ4 u JZ5 u spjegat li dawk kienu rendikont tal-ispejjeż kollha. Hija qalet li l-konvenut kellu jagħtiha ħamest elef, erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,482.44ċ), liema spejjeż saru sas-sena 2017. L-attriċi ippreċiżat li dan l-ammont kien in-nofs tat-total indikat mill-assjem tar-riċevuti.

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2019 xehed il-konvenut. Huwa ikkonferma li fil-passat, kellu relazzjoni mal-attriċi li minnha twieled il-minuri Kurt Bonello. Il-konvenut ikkonferma wkoll li skont is-sentenza tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja), kien obbligat iħallas nofs l-ispejjeż edukattivi kif ukoll nofs l-ispejjeż straordinarji mediċi. Bonello xehed li f'din il-kawża, l-attriċi talbet anki spejjeż mediċi ordinarji bħal ammonti minfuqa fuq ħrieqi, miżati tat-tobba u affarijiet simili. Huwa kompla billi qal li l-attriċi qatt ma nfurmatu b'dawn l-ispejjeż kollha u qatt ma tatu riċevuti. Fil-fatt, huwa xehed hekk:

> "*Le qatt ma ppreżentatli karti. Qatt ma tatni rċevuti. La qatt tatni informazzjoni fuq it-tifel fejn imur skola. Suppost obbligata li tgħidli. Saħansitra sal-ġimgħa l-oħra stess sa nhar it-Tnejn kellu appuntament l-isptar u jiena mhux informat. Jiena jekk tkun għand dentist ma tgħidlix. Just issa ipprezentatli din is-somma kollha b'dawn ir-records kollha minn 2014.*"

Ix-xhud irrefera għad-dokument JZ5 u qal li fir-rigward ta' dak id-dokument, kien qiegħed jippreżenta dokument immarkat IB1 (fol. 118 u 119) li kien jikkonsisti f'lista ta' spejjeż li skont hu, ma kellux iħallas.

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2019 xehdet Theresa Bonello, li tiġi omm il-konvenut. Hija qalet li kemm-il darba kellha tixtrilu l-ħwejjeġ hi meta t-tifel kien jgħaddi *weekends* għandhom.

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2019 il-konvenut reġa' xehed u ippreżenta dokument immarkat JSF1 (fol. 131-134). Dan id-dokument jikkonsisti f'lista ta' riċevuti li kienu ġew ippreżentati mill-attriċi b'deskrizzjoni u raġunijiet għaliex il-konvenut kien qiegħed jirrifjuta li jħallashom jew li jħallas sehmu minnhom.

Fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2019 reġa' xehed il-konvenut u irrefera għad-dokument JSF1 (fol. 131 *et seq.*) u iċċara li l-ewwel tlett linji tad-dokument kienu jirreferi għal ammonti mħallsin minnu f'manteniment.

Fl-istess udjenza reġgħet xehdet l-attriċi li essenzjalment ikkonfermat li hija qatt ma ippreżentat ittra uffiċjali kontra l-konvenut bħala interpellazzjoni għall-ħlas tal-ammonti relattivi.

**Konsiderazzjonijiet**

*i.* *L-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2156(b) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' talbiet għall-ħlas ta' spejjeż li saru qabel Mejju 2013*

It-Tribunal josserva li l-eċċezzjoni relattiva hija ippernjata speċifikament għal kwalsiasi riċevuti li setgħu jiġu ippreżentati li kienu datati qabel Mejju 2013. It-Tribunal ra r-riċevuti kollha ippreżentati u osserva li mir-riċevuti kollha ippreżentati, riċevuta waħda biss kienet datata fl-2013. Din hija r-riċevuta li tinsab a fol. 81 u hija datata 26 ta' Frar 2013. It-Tribunal qiegħed jiskarta din ir-riċevuta billi hemm dubju jekk hijiex spiża straordinarja. Fil-fatt, din lanqas biss hija riċevuta u l-uniku ħaġa aċċertabbli hija li din il-karta nħarġet minn dentist. Għalhekk, it-Tribunal mhux ser iqisha.

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jirrespinġi din l-eċċezzjoni.

*ii.* *Il-mertu*

L-ilmenti tal-konvenut fil-mertu huma li huwa dejjem għamel il-ħlasijiet relattivament għall-ispejjeż li jikkonċernaw lill-minuri u li jekk kien hemm xi ħlasjiet mhux awtorizzati minnu jew li hu ma kienx infurmat dwarhom, ebda ammont ma kien dovut minnu.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jerġa' jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla (fol. 13) u josserva li ma jinsab imniżżel imkien f'dik is-sentenza li l-attriċi għandha l-obbligu li tinforma lill-konvenut qabel tinkorri xi spejjeż relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenut għandu l-jedd li jawtorizza l-ispejjeż. Skont is-sentenza tal-Prim' Awla, l-ispejjeż relattivi "*għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs wara li tiġi prodotta d-debita riċevuta.*" M'hemm imkien imniżżel li l-ammont indikat fuq xi riċevuta għandu l-ewwel ikun awtorizzat mill-konvenut. Għalhekk, it-Tribunal ma jaqbilx mar-raġunament tal-konvenut.

Mill-provi mressqa, jirriżulta li Kurt Bonello kien ibati mill-*asthma*. Dan huwa muri mid-dokumenti a fol. 30, 33, 42, 48, u 93. Dawn id-dokumenti jindikaw l-isem tal-minuri u l-kelma "*asthma*". Dan jikkonvinċi lit-Tribunal li l-minuri kien ibati minn din il-kundizzjoni.

It-Tribunal qiegħed sa minn issa jiddikjara li għal raġunijiet ovvji, mhux ser jieħu konjizzjoni ta' riċevuti li ma jinqrawx sewwa u li m'għandhomx indikazzjonijiet jew referenzi ċari għall-minuri Kurt Bonello jew li b'xi mod ieħor ma jindikawx b'mod ċarissimu li jappartjenu lill-edukazzjoni tal-minuri u lil spejjeż straordinarji rigward is-saħħa tiegħu. Għalhekk, it-Tribunal jippreċiża li ser jiskarta dokumentazzjoni li ma tikkostitwixxix prova ċara li jkun sar il-ħlas kif ukoll riċevuti li jindikaw l-oġġetti mixtrija b'mod ġenerali bl-użu ta' terminoloġija vaga bħal "*shoes*", "*goods*", "*other*", "*stationery*" u kliem simili. Ġew skartati wkoll riċevuti li jappartjenu spejjeż ta' natura ordinarja.

It-Tribunal ser jieħu konjizzjoni tas-segwenti dokumenti:

- Riċevuta (fol. 17) dwar uniformijiet tal-minuri – €207.75ċ
- Riċevuti (fol. 18) dwar korsijiet akkademiċi – €100.00
- Riċevuti (fol. 19) dwar korsijiet akkademiċi – €60.00
- Riċevuti (fol. 20) dwar korsijiet akkademiċi – €30.00
- Riċevuti (fol. 21) dwar korsijiet akkademiċi – €80.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 14 ta' Settembru 2017 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 22) – €75.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 25 ta' Awwissu 2017 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 23) – €75.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 31 ta' Lulju 2017 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 24) – €75.00
- Riċevuti (fol. 31) dwar korsijiet akkademiċi – €110.00
- *Invoice* (fol. 49) dwar fardal u beritta mixtrijin għall-*home economics* – €14.20ċ
- *Invoice* (fol. 50) dwar uniformijiet tal-iskola – €116.40ċ
- Riċevuta (fol. 51) maħruġa mid-Dipartiment tal-Eżamijiet għal eżami tal-*ECDL* – €8.20ċ
- Riċevuti (fol. 52) dwar korsijiet akkademiċi – €110.00
- Riċevuta waħda (fol. 53) dwar korsijiet akkademiċi – €30.00
- Riċevuta waħda (fol. 54) dwar korsijiet akkademiċi – €30.00
- Riċevuti (fol. 55) dwar korsijiet akkademiċi – €100.00
- Riċevuti (fol. 56) dwar korsijiet akkademiċi – €80.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 31 ta' Ottubru 2016 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 57) – €10.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 16 ta' Novembru 2016 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 58) – €75.00
- Riċevuta maħruġa minn The Computer Training Course Ltd u datata 28 ta' Novembru 2016 rigward kors tal-*ECDL* (fol. 59) – €75.00
- *Invoice* dwar uniformijiet (fol. 62) – €41.79ċ
- *Invoice* dwar uniformijiet (fol. 63) – €30.30ċ
- *Invoice* dwar uniformijiet (fol. 64) – €84.60ċ
- *Invoice* dwar uniformijiet (fol. 65) – €109.00
- *Invoice* dwar uniformijiet (fol. 67) – €108.75ċ
- Żewġ riċevuti datati 3 ta' Novembru 2014 (fol. 69) għal kotba tal-lingwa Taljana – €34.63ċ
- Riċevuta maħruġa mill-Kunsill Lokali Ħad Dingli (fol. 100) għal kors tal-presepji – €20.00

- Riċevuta maħruġa minn Agius & Agius (fol. 102) għax-xiri ta' Bibbja – €12.23ċ
- Riċevuta għal *Skolasajf 2012* datata 21 ta' Mejju 2012 (fol. 103) – €11.50ċ

**Total: €1,914.35ċ**

It-Tribunal josserva li huwa m'għandux għarfien mediku u ma ttella' ebda tabib sabiex jixhed dwar kwistjonijiet mediċi. Minkejja dan, it-Tribunal jaf, minn informazzjoni ġenerali li kważi jafha kulħadd, li l-mediċina magħrufa bħala *Ventolin* hija waħda komunament użata għat-trattament tal-*asthma*. Kif diġà ngħad, it-Tribunal huwa konvint li l-minuri jbati mill-kundizzjoni kronika tal-*asthma*. Madankollu, it-Tribunal la jaf u lanqas jista' jkun jaf jekk il-mediċini l-oħrajn imsemmija fir-riċevuti relattivi humiex b'xi mod relatati mal-*asthma*. Kien nuqqas tal-attriċi li ma tellgħetx tabib sabiex jispjega x'tip ta' mediċini kien hemm bżonn relattivament għall-*asthma*. Dan oltre l-fatt li l-attriċi, fid-dokumentazzjoni li ppreżentat, m'għamlitx distinzjoni bejn mediċini ordinarji bħal *painkillers*, *syrups* u *Panadols* u mediċini straordinarji. Billi t-Tribunal mhux tabib, ma jistax ikun jaf liema kienu speċifikament għall-*asthma* ħlief il-*Ventolin*.

Jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata li l-*Ventolin* inxtara tlett darbiet (ara riċevuti a fol. 38, 43 u 81) u ntefqu total ta' **tmintax-il Ewro (€18.00)**. Dan l-ammont ser jiżdied ma' dak sopra-indikat.

Għalhekk, bil-*Ventolin* inkluż, l-ammont jiżdied għal **elf u disa' mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,932.35ċ)**.

Is-sehem tal-konvenut minn dan huwa **disa' mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€966.17ċ)**.

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attriċi limitatament għas-somma ta' **disa' mija u sitta u sittin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€966.17ċ)** bl-imgħax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**